**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors Guramentat numru : 127/2016 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti kienet izzewget lill-intimat nhar it-28 ta' Novembru 1987 (certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok. A);

2. Illi minn tali zwieg huma kellhom zewgt' itfal li llum huma t-tnejn maggorenni;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Katrin Bartolo datat 24 ta' Frar 2015 (vide kuntratt anness).

4. Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal diversi xhur izda ilhom ferm aktar minn erba` snin separati de facto;

5. Illi r-rikorrenti ma tara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

6. Illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u bejn l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja id-divorzju bejniethom.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid- Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Frar, 2015, izda ilhom ferm aktar minn erba' snin de facto separati;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.